REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 702/2008

tat-23 ta' Lulju 2008

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 314/2004 dwar ċerti miżuri restrittivi fir-rigward taż-Żimbabwe

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 314/2004 tad-19 ta' Frar 2004 dwar ċerti miżuri restrittivi fir-rigward taż-Żimbabwe [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 11(b) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 314/2004 jelenka l-persuni li jaqgħu taħt l-iffriżar ta' fondi u riżorsi finanzjarji skond dak ir-Regolament.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/605/CFSP tat-22 ta' Lulju 2008 [2] li temenda l-Anness tal-Pożizzjoni Komuni 2004/161/CFSP [3] biż-żieda ta' 41 isem (ismijiet) L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 314/2004 għandu, għalhekk, jiġi emendat skond din.

(3) Biex jiġi żgurat li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ immedjatament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 314/2004 hu hawn emendat kif stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 23 ta' Lulju 2008.

Għall-Kummissjoni

Eneko LANDÁBURU

Direttur Ġenerali għar-Relazzjonijiet Esterni

---

[1] ĠU L 55, 24.2.2004, p.1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 777/2007 (ĠU L 173, 3.7.2007, p. 3).

[2] ĠU L 194, 23.7.2008, p. 34.

[3] ĠU L 50, 20.2.2004, p. 66. Il-Pożizzjoni Komuni kif emendata l-aħħar bil-Pożizzjoni Komuni 2008/135/KESP (ĠU L 43, 19.2.2008, p. 39).

ANNESS

L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 314/2004 huwa emendat kif ġej:

(a) wara t-titolu ta' l-Anness III għandha tiddaħħal l-intestatura li ġejja:

"(1) Persuni naturali"

(b) il-persuni naturali li ġejjin għandhom jiżdiedu wara n-numru 131 fil-lista

Isem	Kariga / raġunijiet għad-dħul fil-lista
"132. Viċi Marixxall ta' l-Ajru (VMA) Abu Basutu	Matebeleland tan-Nofsinhar, Ħati tal-kampanja elettorali ta' terrur
133. Chimedza, Paul, Dr	President ta' l-Assoċjazzjoni Medika Dinjija, fergħa taż-Żimbabwe, li rrifjuta li jagħti għajnuna lill-vittmi ta' l-MDC (l-oppożizzjoni)
134. Chingoka, Peter	Kap tal-Federazzjoni tal-Krikit taż-Żimbabwe, li esprima appoġġ pubbliku għall-kampanja elettorali ta' terrur
135. Chinotimba, Joseph	Deputat Ċermen, Veterani tal-Gwerra tal-Liberazzjoni Nazzjonali taż-Żimbabwe, mexxej tal-milizja Zanu-PF
136. Col. Chipwere	Bindura tan-Nofsinhar, Ħati tal-kampanja elettorali ta' terrur
137. Chiremba, Mirirai	Bank Ċentrali (RBZ) Kap ta' l-Unità ta' l-Intelliġenza Finanzjarja
138. Chiwenga, Jocelyne	Negozjanta u mart il-Kmandant tal-Forza tad-Difiża taż-Żimbabwe (il-Ġeneral Chiwenga)
139. Dube, Tshingo	DM/Kap Eżekuttiv ta' l-Industriji tad-Difiża taż-Żimbabwe u kandidat parlamentari ZANU-PF
140. Gono, Gideon	Gvernatur tal-Bank Ċentrali (RBZ)
141. Kurunell C. T. Gurira	Mhondoro Mubaira, Ħati tal-kampanja elettorali ta' terrur
142. Kurunell Gwekwerere	Chinhoyi, Ħati tal-kampanja elettorali ta' terrur
143. Huni, Munyaradzi	Ġurnalista mal-gazzetta pubblika u favur il-gvern The Herald, li inċita l-kampanja elettorali ta' terrur
144. Jangara, Thomsen	Assistent Kummissarju/Kap Supretendent, uffiċjal kmand, ibbażat f'Southerton, jikkmanda l-Ħarare ta' Isfel, Ħati ta' vjolenza f'Marzu 2007
145. Viċi Marixxall ta' l-Ajru (VMA) Karakadzai	Provinċja Metropolitana ta' Ħarare, Ħati tal-kampanja elettorali ta' terrur
146. Kazembe, Joyce	[Deputat] Viċi President tal-Kummissjoni Elettorali taż-Żimbabwe
147. Kereke, Munyaradzi	Konsulent Prinċipali tal-Bank Ċentrali (RBZ) il-Gvernatur Gideon Gono
148. Brig. Ġen. Khumalo	Matebeleland tat-Tramuntana, Ħati tal-kampanja elettorali ta' terrur
149. Maġġur R. Kwenda	Zaka tal-Lvant, Ħati tal-kampanja elettorali ta' terrur
150. Kurunell G. Mashava	Chiredzi Ċentrali, Ħati tal-kampanja elettorali ta' terrur
151. Kurunell F. Mhonda	Rushinga, Ħati tal-kampanja elettorali ta' terrur

Isem	Kariga / raġunijiet għad-dħul fil-lista
152. Moyo, Gilbert	'Veteran tal-Gwerra' involut f'ħafna kriminalità fil-Mashonaland tal-Punent (Chegutu), mexxej tal-milizja Zanu-PF
153. Kurunell Logutenent Mpabanga	Mwenezi tal-Lvant, Ħati tal-kampanja elettorali ta' terrur
154. Viċi Marixxall ta' l-Ajru (VMA) Muchena	Midlands, Ħati tal-kampanja elettorali ta' terrur
155. Kurunell Logutenent Muchono	Mwenezi tal-Punent, Ħati tal-kampanja elettorali ta' terrur
156. Kurunell Mutsvunguma	Headlands, Ħati tal-kampanja elettorali ta' terrur
157. Kurunell M. Mzilikazi (MID)	Buħera Ċentrali, Ħati tal-kampanja elettorali ta' terrur
158. Brig. Gen. D. Nyikayaramba	Mashonaland tal-Lvant, Ħati tal-kampanja elettorali ta' terrur
159. Patel, Bharat	L-Aġent Avukat Ġenerali l-ġdid
160. Rangwani, Dani	Spettur Ditektiv, involut fit-tortura u d-detenzjoni ta' attivisti MDC, Ħati ta' vjolenza f'Marzu 2007
161. Maġġur Ġeneral E. A. Rugeje	Provinċja ta' Masvingo, Ħati tal-kampanja elettorali ta' terrur
162. Brig. Ġen. Rungani	Bigadier Ġeneral Irtirat, Ħati tal-kampanja elettorali ta' terrur
163. Brig. Ġen. Shungu	Mashonaland Ċentrali, Ħati tal-kampanja elettorali ta' terrur
164. Kurunell C. Sibanda	Provinċja ta' Bulawayo, Ħati tal-kampanja elettorali ta' terrur
165. Brig. Ġen. Sigauke	Provinċja tal-Punent ta' Mash, Ħati tal-kampanja elettorali ta' terrur
166. Brig. Ġen. Tarumbwa	Manicaland u Mutare tan-Nofsinhar, Ħati tal-kampanja elettorali ta' terrur
167. Tonderai Matibiri, Innocent	Deputat Kummissarju tal-Pulizija (in-neputi jew 'il-kuġin ta' ġewwa' Afrikan ta' Mugabe, ingaġġat f'livell għoli biex jilħaq Kummissjoni tal-pulizija li kien imiss), Ħati ta' vjolenza f'Marzu 2007
168. Zvayi, Caesar	Ġurnalista mal-gazzetta pubblika favur il-gvern The Herald, li inċita l-kampanja elettorali ta' terrur"

(ċ) L-intestatura li ġejja hi miżjuda:

"(2) Persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi

Isem	Raġunijiet għad-dħul fil-lista/indirizz
169. Koperattiva Cold Comfort Farm Trust	Proprjetà ta' Didymus Mutasa, Grace Mugabe involuta wkoll. Indirizz: 7 Triq Cowie, Tynwald, Ħarare, iż-Żimbabwe
170. Jongwe Printing and Publishing Company (PVT) Ltd (*alias* (a) Jongwe Company (PVT) Ltd, (b) Jongwe printing and publishing company)	Il-fergħa tal-pubblikazzjonijiet ta' Zanu-PF Indirizz: (a) 14 Triq Austin, Triq Coventry, Workington, Ħarare, iż-Żimbabwe, (b) Kaxxa Postali 5988, Ħarare, iż-Żimbabwe
171. Zidco Holdings (*alias* Zidco Holdings (PVT) Ltd)	Holding finanzjarja ta' Zanu-PF. Indirizz: Kaxxa Postali 1275, iż-Zimbabwe
172. Zimbabwe Defence Industries (PVT) Ltd.	Proprjetà sħiħa tal-Gvern taż-Żimbabwe. Id-Diretturi jinkludu lil Leo Mugabe u lil Solomon Mujuru. Indirizz: L-10 Sular, Trustee House, Vjal 55 Samora Machel, Kaxxa Postali 6597, Ħarare, iż-Żimbabwe"